MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1230/1997/1

**Joseph Cassar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Cranes & Commercial Sales Ltd gia maghrufa bhala J. Cassar Commercial Plant Sales Ltd.**

**vs**

**Sunny Muscat u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 1999 gie mibdul fl-isem Sonny Raymond Muscat**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma ta’ tmin mija u disghin liri maltin w seba w disghin centezmi (Lm890.97), rappresentanti l-bilanc ta’ diversi oggetti lil-konvenut mibjugha w ikkunsenjati mill-attur nomine favur tieghu.

Bl-ispejjes u l-imghax legali, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok hu ma jismux Sunny izda Saviour sive Sonny Raymond Muscat

2 Fit-tieni lok l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2148(B)

3 Fit-tielet lok kif ser jigi pprovat fil-kawza, kwalunkwe oggetti li kien xtara minghand is-socjeta’ attrici huma mhallsa u sodisfatti

4 Bla pregudizzju ghas-suespost dato ma non concesso li tali ammont jirreferi ghal truck li l-konvenut kien xtara minghand is-socjeta’ attrici dan ma kienx tal-kwalita’ pattwita kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 1999 fejn il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni minnhu sollevata.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat :-

Illi bit-tieni eccezzjoni preliminari l-konvenut invoka l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jipprovdi illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni fl-gheluq ta' tmintax il-xahar.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi n-negozju illi sar bejnhu u l-konvenut kien jirrigwarda esklussivament il-bejgh ta' trukk bil-prezz ta' Lm1,600 (elf u sitt mitt lira Maltin) u diversi 'spare parts' ghall-istess trukk illi inbieghu f'perjodu bejn il-25 t'Ottubru 1991 sal-10 ta' Gunju 1993.

Inoltre l-attur jippretendi illi dawn l-operazzjonijiet kummercjali huma kollha ta' l-istess natura, infatti huwa jallega illi ghal dawn l-operazzjonijiet huwa zamm kont wiehed u qieghed jitlob minghand il-konvenut il-bilanc rizultanti wara illi ha inkonsiderazzjoni il-pagamenti kollha li saru akkont.

Pero kemm mill-'istatements' esebiti mill-istess kumpanija attrici kif ukoll mid-deposizzjoni tal-konvenut u anke mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher illi l-bejgh tat-trukk huwa separat u distint mill-bejgh l-iehor tal-'ispare parts' illi saru, infatti anke l-'istatements' mahruga mill-kumpanija attrici ma jurux il-kreditu ghall bilanc ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) mill-prezz ta' l-istess trukk.

Ghaldaqstant billi l-bejgh tat-trukk bl-'invoice' iffirmata ma jistax jitqies bhala bejgh ta' oggett mobbli bl-imnut, il-Qorti tikkonkludi illi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (b) hi applikabli biss ghall dak li jirrigwarda l-bejgh tal-'ispare parts' bejn id-29 ta' Dicembru 1991 u l-10 ta' Gunju 1993.

Ghal dak li jirrigwarda l-bejgh tat-trukk, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik il-preskizzjoni generali ta' hames (5) snin ikkontemplata fl-Artikolu 2156 (f) li tirrigwarda l-azzjonijiet l-ohra kollha ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej mill-operazzjonijiet kummercjali.

Sa fejn jirrigwarda l-bejgh tal-‘ispare parts’ jirrizulta illi almenu sal-10 ta’ Awissu 1994 il-bilanc dovut mill-konvenut kien ta’ Lm329 (tlett mija disa’ u ghoxrin lira Maltin) kif jirrizulta mill-ittra ufficjali spedita mill-kumpanija attrici lill-konvenut fl-imsemmija data, liema ittra tinsab esebita a fol 37 tal-process.

Mill-istess ‘statement’ esebit lill-kumpanija attrici a fol 32 tal-process kif ukoll minn dak esebit mill-konvenut a fol 38 tal-process jirrizulta illi l-konvenut wara li rceva din l-ittra ufficjali ghamel pagament akkont fis-somma ta’ Lm320 (tlett mija u ghoxrin lira Maltin) u ghalhekk sat-23 ta’ Mejju 1995 huwa kien baqghalu biss jghati lill-kumpanija attrici ghall-‘ispare parts’ somma ta’ Lm9 (disa’ liri Maltin).

Ghalhekk jirrizulta illi l-bilanc indikat fis-‘statement a fol 32 tal-process bilanc ta’ Lm90.97c 8 (disghin lira Maltin u seba’ u disghin centezmu u tmien millezmi) jikkomprendi fih somma ta’ Lm81.97c8 (wiehed u tmenin lira Maltin u seba’ u disghin centezmi u tmien millezmi) illi l-attur qed jippretendi illi ghandhu jithallas bhala imghax fuq il-bilanci dovuti mill-konvenut.

Ghandu jinghad pero, illi ma sarux provi bizzejjed biex jindikaw illi l-operazzjonijiet li saru bejn il-kontendenti kienu ta’ natura kummercjali fis-sens li anke il-konvenut ghandu jitqies illi huwa kummercjant ghall fini tan-negozju li saru bejn il-kontendenti. Biex jghaddu l-imghaxijiet kellha jsir interpellazzjoni ghal daqshekk u l-ewwel interpellazzjoni li ghamlu l-atturi kienet dik kontenuta fl-avviz ipprezentat fis-16 ta’ Gunju 1997.

Infatti lanqas fl-ittra ufficjali ipprezentata f’Awissu ta’ 1994 ma saret talba lill-konvenut biex huwa jhallas l-imghaxijiet kummercjali fuq il-bilanci illi huwa kellhu jaghti.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi ghal dak li jirrigwarda biss l-‘ispare parts’ il-konvenut huwa tenut illi jhallas lill-kumpanija attrici l-bilanc biss ta’ Lm9 (disa’ liri Maltin) oltre l-imghaxijiet fuq din is-somma b’effett mit-2 ta’ Dicembru 1999, id-data tan-notifika korretta tal-avviz lill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda il-bilanc ta’ tmien mitt lira dovut lill-atturi bhala bilanc minn prezz ta’ trukk mibjugh f’ Ottubru 1991 jirrizulta illi l-ewwel interpellazzjoni ghall-hlas ta’ dan il-bilanc maghmul b’att gudizzjarju sufficjenti biex jinterrompi l-preskizzjoni huwa effettivament l-avviz prezentat fis-16 ta' Gunju 1997 u ghalhekk wara l-iskadenza ta’ hames (5) snin minn meta sar il-bejgh.

Huwa ghalhekk illi Joseph Cassar prodott mill-Kumpanija attrici jallega illi l-konvenut kien verbalment accetta mieghu u ammetta d-debitu diversi okkazzjonijiet matul dan il-perjodu.

Izda d-deposizzjoni wahedha ta’ Joseph Cassar m’hix bizzejjed biex tirribatti l-prezunzjoni illi effettivament ma kienx hemm tali ammissjoni.

Infatti lanqas bl’ittra ufficjali t’Awissu 1994 ma intalab il-hlas ghal bilanc ghal dik is-somma ta’ Lm800 (tmien mitt lira Maltin) u fl- ‘istatements’ li gew esebiti qatt ma saret ebda riferenza ghal dan il-bilanc ta’ Lm800 (tmien mitt lira Maltin).

Ghalhekk meta l-kumpanija u fil-korrispondenza ufficjali u fl-atti gudizzjarji qatt ma ghamlet riferenza ghal dan il-bilanc huwa difficili biex wiehed jaccetta illi fl-inkontri sporadici li kellhom Joseph Cassar u l-konvenut kienu jintalbu dawn il-flus.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi ma saret ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-bilanc ta’ Lm800 (tmien mitt lira Maltin) dovuti fuq il-bejgh ta’ l-istess trukk u qieghdha tiddikjara l-azzjoni attrici fir-rigward preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 subinciz (f) tal-Kap 16 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm9 (disa liri Maltin) oltre l-imghax kummercjali fuq din is-somma b’effett mill-2 ta’ Dicembru 1999 u tichad l-istess talba fejn jirrigwarda l-

bilanc ta’ Lm881. 97 c8 (tmien mija wiehed u tmenin lira Maltin u seba u disghin centezmi u tmien millezmi).

Stante c-cirkostanzi tordna l-ispejjez kollha jithallsu mill-kumpanija attrici.”

Il-kontestazzjoni tal-attur nomine appellanti kontra din is-sentenza jikkonsisti fl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Huwa jissottometti illi l-konvenut appellat ma qalx li l-ammont reklamat ghat-trukk mhux dovut izda li s-somma ma kienetx dovuta ghaliex it-truck vendut ma kienx tal-kwalita` pattwita. Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti ssolleva wkoll il-punt illi l-ewwel Qorti ma setghetx marte proprju tissolleva hi stess il-preskrizzjoni skond disposizzjoni tal-Kodici Civili – Art 2156 (f) – meta din ma gietx eccepita mill-konvenut.

Il-materja hawn involuta tirrigwarda sostanzjalment kwestjoni ta’ preskrizzjoni u l-konsiderazzjonijiet dwarha li saru mill-Qorti ta’ l-ewwel grad.

Ma hemmx dubju illi in linea ta’ principju n-nuqqas ta’ ezercizzju tad-dritt da parte ta’ min kien intitolat jipprogredixxi biex jikkonserva dan id-dritt bl-appozitu att gudizzjarju jgib, bl-effett tad-dekorriment taz-zmien, l-estinzjoni ta’ dan id-dritt, u allura rinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt tieghu. Effettivament f’dan il-kaz l-appellanti nomine gie rinfaccjat bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Preskrizzjoni li giet mill-appellat inkwadrata fid-dispost ta’ l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti sabet li din il-preskrizzjoni eccepita kienet inammissibbli ghal kaz tal-vendita` tat-truck. Fuq il-bazi tal-kostatazzjonijiet li ghamlet dik il-Qorti immotivat il-konsiderazzjoni taghha fuq ir-ragonament illi l-bejgh tat-trukk bl-invoice iffirmata ma jistghax jitqies bhala bejgh ta’ oggett mobbli bl-imnut.

Evidentement l-ewwel Qorti, fuq l-istregwa ta’ gurisprudenza konkordi, harset lejn il-vendita` partikolari in kwestjoni ‘per se’ (**Kollez Vol XLVIII pII p959**; **Vol XXI**

**pl p406**) u kkonkludiet li gjaladarba l-bejgh sar in iskritto, u l-prezz tieghu ma thallasx f'daqqa dan kien jeskludi l-vendita` bl-imnut ghal liema jirreferi l-Art 2148 (b) tal-Kap 16.

Jirrizulta pero` mill-istess korp tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti ma waqfetx hawn izda ssoktat tghid illi "ghal dak li jirrigwarda l-bejgh tat-trukk, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik il-preskrizzjoni generali ta' hames snin kontemplata fl-Artikolu 2156 (f) li tirrigwarda l-azzjonijiet l-ohra kollha ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej mill-operazzjonijiet kummercjali". Dan il-kwezit tqajjem minnha stess u ddecidiet dwaru.

Kif rimarkat fis-sentenza fl-ismijiet "**Francis Bugeja nomine –vs- Indria Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000, u r-rassenja tas-sentenzi fiha kompendjenti, dan hu process ghal kollox anti-guridiku. Dan ghaliex huwa principju pacifikament akkolt illi l-preskrizzjoni eccepita ghandha tkun specifikata, u l-Qorti ma tistax tissuplixxi 'ex officio' ghan-nuqqas tal-parti (Art 2111 Kodici Civili; **Kollez Vol XLI pl p168**).

Minn dan huwa desumibbli illi allura ma kien xejn lecitu illi l-ewwel Qorti tindaga u tistabilixxi jekk ghall-fatti in ezami kienetx applikabbli xi preskrizzjoni ohra, peress illi kif ritenut, "il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni, ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza, u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fondamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk kienx hemm xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli, peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza." (**Kollez Vol XXXIII pl p481**)

Dan kollu necessarjament ifisser illi ritwalment il-gudikant ma jistax jirricerka 'ex ufficio' il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni, hekk riservata 'ope legis' lill-parti interessata biss, jew li jassumi hu dawn l-istess fatti fid-decizjoni tieghu bl-iskop li jiddikjara l-preskrizzjoni tad-dritt meta l-ebda deduzzjoni specifika ma saret f'dan is-sens mill-parti konvenuta. Xort'ohra, il-process mhux biss

ikun anti-guridiku in kwantu jmur kontra disposizzjoni espressa tal-ligi izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimporta wkoll vjolazzjoni tal-principju tal-kontradittorju, sostrat ta' kull azzjoni, in kwantu l-parti attrici ma tkunx lanqas inghatat l-opportunita` tivvaluta l-preskrizzjoni sollevata mill-Qorti fis-sentenza u ggib, skond l-ghodod procedurali konsentiti lilha, provi u sottomissjonijiet validi li kapaci jinnewtralizzaw dik l-istess preskrizzjoni.

Il-Qorti tosserva illi oltre l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma tal-Art. 2148 (b) il-konvenut ma qajjem l-ebda preskrizzjoni ohra lanqas issa f'dan l-istadju kif hekk kellu dritt jaghmel billi, kif saput, "qatt ma gie dubitat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke bl-emendi ghal Kap 12, tista' tigi sollevata fi stadju ta' appell" "**Paul Balzan noe –vs- John A. Scicluna noe**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999).

Raggunta allura l-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti ma kienetx korretta guridikament li tissolleva hi stess il-preskrizzjoni minnha applikata, mhux il-kaz illi dina l-Qorti tinoltra ruhha biex tezamina jekk kienx hemm l-interruzzjoni taghha kif hekk vantat mill-attur nomine appellant. Taghmel biss certi osservazzjonijiet ta' indoli generali fir-rigward tal-allegata rikonoxximent tad-debitu sollevata mill-appellant fl-aggravju tieghu.

Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (**Kollez Vol XXIX pI p755**; **Vol XLIII pII p744**; "**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Naturalment l-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt.

Dan precizat, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, hu l-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti in kwantu din ma tadditax ruhha ghall-principji tad-dritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi l-ewwel Qorti ma kienetx legalment korretta meta ssollevat "ex ufficio" l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut appellat u dawk l-ohra li talvolta jigu sollevati minnu u ghad-decizjoni dwarhom u tal-meritu tat-talba.

In vista tac-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------